MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru. 87/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Carmel Caruana**
**Dolores Caruana**
**Theresa Caruana**

Kumpilazzjoni Numru: 87/2011

Illum 30 ta' Jannar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Carmel Caruana**, ta' sittin (60) sena, bin Joseph u Carmela neé Attard, imwieled Ghasri (Ghawdex), nhar is-

16 ta’ Lulju, 1951, residenti fil-fond numru 101, Taljana, Triq Ghammar, Ghasri (Ghawdex) u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 49651G,

**Dolores Caruana**, ta’ disgha u sittin (69) sena, bint Joseph u Carmela neé Attard, imwielda Ghasri (Ghawdex), nhar it-22 ta’ Settembru, 1941, residenti fil-fond numru 101, Taljana, Triq Gahmmar, Ghasri (Ghawdex) u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 68341G, u

**Theresa Caruana**, ta’ tmienja u sittin (68) sena, bint Joseph u Carmela neé Attard, imwielda Ghasri (Ghawdex), nhar il-21 ta’ Frar, 1943, residenti fil-fond numru 101, Taljana, Triq Ghammar, Ghasri (Ghawdex) u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 19343G, akkuzati talli:

a) fil-gurnata tat-tmienja (8) u l-ghaxra (10) ta’ Mejju elfejn u hdax (2011) u fil-jiem ta’ qabel bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biex jezercitaw xi jedd li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Anna Maria Debarro fil-pussess ta’ hwejjigha billi dahlu fid-dar tar-residenza proprjeta’ taghha attwalment mikrija lil Mark Galea u Sylvia Portelli bin-numru tlettax (13) fi sqaq privat minghajr isem li jinfed ghal Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex kif ukoll accedew fil-*front garden* tal-istess dar mill-bieb tal-genb tal-istess dar, bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9;

b) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr hsieb li jaghmlu xi att li jikkostitwixxi reat iehor, huma personalment dahlu f’dar jew lok iehor jew f’recint b’wiehed mill-mezzi stabbilit fl-Artikoli 264, 265 u 266 tal-Kapitolu 9 , u dan billi dahlu fid-dar tar-residenza privata proprjeta’ tal-kwerelanta Anna Maria Debarro attwalment mikrija lil Mark Galea u Sylvia Portelli u dan bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9;

c) l-istess imputati heddew bi kliem u anke taw fastidju jew messhom kienu jafu li qeghdin jaghtu fastidju lill-inkwilini Mark Galea u Sylvia Portelli li kienu qeghdin

fid-dar numru tlettax (13), fi Sqaq fi Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex, bi ksur tal-Artikoli 251A u 339(e) tal-Kapitolu 9;

d) fl-istess data, lok, hin u cirkostanza l-imputati personalment ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta' ta' haddiehor bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, il-Prosekuzzjoni rtirati l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Theresa Caruana.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, l-imputati Carmel Caruana u Dolores Caruana obbligaw ruhhom li bl-ebda mod ma jdejqu, ikellmu jew jimmolestaw lill-kwerelanta Anna Maria Debarro jew lill-inkwilini li jkun hemm fil-proprjeta' tal-istess kwerelanta fl-Ghasri minn zmien ghal zmiem.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-kwerelanta tiddikjara, in segwitu tal-obbligazzjoni tal-imputati Carmel Caruana u Dolores Caruana, li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati msemmija.

Rat li l-imputati ma xehdux u anqas ressqu provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fil-konfront ta' **Theresa Caruana**, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, fil-konfront ta' **Carmel Caruana** u **Dolores Caruana,** fuq nuqqas ta' provi, tilliberahom mill-imputazzjonijiet immarkati b'ittri "a", "b" u "c" u fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata b'ittra "d", tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------